MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 20/2007

Martin Grima Limited – C10890

Vs

Cottage Products (Gozo) Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fis-26 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm2,270.67c (elfejn mitejn u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu) pari ghal Euro 5289.24c rapprezentati prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilha, tigi kundannata thallas din is-somma lis-socjeta' attrici, bl-interessi kummercjali b'effett mid-data tal-ahhar konsenja, cjoe' l-24 ta' Ottubru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali Nru. 640/07 spedita lilek fis-6 ta' Settembru 2007 kif ukoll dawn tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet, prezentat kontestwalment, ilkoll kontra taghkom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socejta' konvenuta prezentata fit-3 ta' Dicembru 2007 (fol. 6) li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li:-

1. Fl-ewwel lok, ma tezisti ebda kumpanija ossia socjeta' kummercjali bl-isem ta' Cottage Products Limited.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-bilanc pretiz mhuwiex dovut stante illi kwalsiasi pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici gia saru.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha nkluz il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza s-socjeta attrici qeghda titlob hlas ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija. Fil-mori ta' dawn il-proceduri s-socjeta konvenuta hallset is-somma ta' tlett elf mija u tnejn euro u sebgha u erbghin centezmu (€3,102.47) [ara fol. 64-68]. Fin-nota prezentata fit-8 ta' Lulju 2008 mis-socjeta attrici (fol. 68) gie dikjarat li qeghda ***".....tirriduci it-talba taghha bl-ammont ta' €3235.10...."*** wara li rrinunzjat ukoll ghas-somma ta' ta' €132.63 li tirreferi ghall-invoice numru: 32524 li m'hijiex iffirmata. Ghalhekk il-kwistjoni hi llum limitata ghas-somma ta' **elfejn u erbgha u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€2,054.14)** in kwantu fl-avviz (fol. 1) is-socjeta talbet il-hlas tas-somma ta' €5,289.24 u rriduciet it-talba bl-ammont ta' €3,235.10. Il-Qorti ma tistax tikkunsidra xi talba ghall-hlas li jwassal biex is-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas somma ikbar minn dik mitluba mis-socjeta attrici.

2. Il-kontijiet li s-socjeta attrici ghadha tippretendi l-hlas taghhom gew elenkati fin-nota prezentata fit-8 ta' Lulju 2008 (fol. 68). Dawn huma l-invoices li kopja taghhom hi ezebita a fol. 10, 11, 17, 21, 22, 30 u 32. ghall-ammont komplessiv ta' elfejn disgha mija u wiehed euro u dsatax-il centezmu (€2,901.19)[1]. Fis-seduta tad-29 ta' April 2008 (fol. 58) xehed Victor Louis Mariani li kkonferma li kien jigi nkarigat mis-socjeta konvenuta biex imur Malta u jircievi l-merkanzija minghand is-socjeta attrici u wara jiehu x-xoghol ghand is-socjeta konvenuta. Spjega li meta kien jinghata l-merkanzija mill-kumpannija attrici kien jiffirma kopja tal-invoice ghalkemm kien hemm xi okkazzjonijiet meta ma jkunx iffirma d-dokument ghaliex fil-hanut ma jkunx inzerta hemm Martin Grima (direttur tas-socjeta attrici). Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq l-invoices a fol. 10, 11, 17, 21, 22 u 32. Ikkonferma wkoll li *"Ladarba jien iffirmajt dawn id-dokumenti, ikun ifisser li jiena hadt din il-merkanzija….. Jiena min-naha tieghi kont noqghod fuq dak li hemm dikjarat fuq l-invoice. Min-naha ta' Cottage Products qatt ma kelli xi lment illi qed naghtihom merkanzija anqas minn dak dikjarat fl-invoice. Jien qatt ma kelli nkwiet ma' din il-kumpannija."* (fol. 60). Il-Qorti, li kellha l-opportunita' li tisma' lix-xhud *viva voce*, m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-verzjoni li nghatat minn dan ix-xhud li tressaq mis-socjeta konvenuta. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-hlas fir-rigward tal-invoices a fol. 10, 11, 17, 21, 22 u 32 hu dovut. Ghalkemm hu minnu li fir-rigward tal-invoice numru 34920 datat 25 ta' Settembru 2006 (fol. 32) giet ritornata lura parti mill-merkanzija ghaliex skond Martin Grima (direttur tas-socjeta attrici) gie nfurmat minn ufficjal tas-socjeta konvenuta li ma kellhomx bzonnu[2], is-somma ta' Lm130.50 (€303.98) hi koperta minn *credit note* mahruga favur is-socjeta konvenuta. Ghalhekk il-hlas hu xorta dovut pero' l-kumpannija attrici ghandha d-dritt li tixtri merkanzija b'dak il-valur. Pero' mill-kont 34920 trid tonqos is-somma ta' Lm7.74 (€18.03) bilanc tal-prezz tal-

[1] Fil-konverzjoni minn lira Maltija ghal euro li saret ghal finijiet tan-nota tat-8 ta' Lulju 2008 (fol. 68), sar zball fir-rigward tal-invoices a fol. 21 u 30.
[2] Seduta tal-5 ta' Frar 2008 (Fol. 37). Verzjoni li ma gietx kontradetta.

merkanzija li giet ritornata[3] u li ghal xi raguni ma gietx inkluza fil-*credit note*. Jinghad ukoll li x-xhud Mariani fil-kors tad-deposizzjoni wera lill-Qorti registru bl-informazzjoni li qal li kien jiehu minn *"day book"* li fih kien jikteb id-data u l-merkanzija li kien jikkonsenja lis-socjeta konvenuta u klijenti ohra. Ghalkemm hu minnu li rrizulta li bejn ir-registru tax-xhud u l-invoices hemm diskrepanza, b'daqshekk il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-kumpannija attrici ma kkonsenjatx dawn l-oggetti lil Mariani li wara kollox kien il-persuna nkarigat mis-socjeta konvenuta sabiex jircievi l-merkanzija u jtellaghha Ghawdex. Mariani kien qieghed jirtira l-merkanzija ghan-nom tal-kumpannija konvenuta u fuq inkarigu taghha. L-invoices in kwistjoni nhargu f'isem il-kumpannija konvenuta u x-xhud ikkonferma li gialadarba hemm il-firma tieghu jfisser li l-merkanzija rceviha minghand is-socjeta attrici. Ghalhekk fir-rigward tal-imsemmija invoices hu dovut hlas ta' elf disgha mija u wiehed u sittin euro u tmintax-il centezmu (€1,961.18).

Ghal dak li jikkoncerna l-invoice numru 35294 datat 16 ta' Ottubru 2006 (fol. 30) ghas-somma ta' €921.98 (mhux €898.58 kif dikjarat fin-nota a fol. 68), il-persuna li rcieva l-konsenja hu certu J. Cauchi. Ghalkemm din il-persuna ma gietx identifikata, il-Qorti xorta ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tissusspetta mill-veracita' tal-verzjoni ta' Martin Grima li l-invoices kollha jirreferu ghall-merkanzija li giet konsenjata lis-socjeta konvenuta. L-avukat Dr. Joseph Grech spjega wkoll kif *"…bhala tmexxija ta' ufficcju ta' l-accounts, l-affarijiet ma kinux qeghdin jimxu sew fis-socjeta' konvenuta u dan peress illi kien hemm nuqqas ta' kontroll min-naha tal-accounts fuq il-haddiema li fil-fatt kienu qeghdin jmexxu l-hanut."*. Ghar-raguni moghtija iktar qabel, minn dan l-invoice l-Qorti ser tqies biss is-somma ta' tnejn u disghajn euro u sitta u disghajn centezmu (€92.96)[4] ghaliex alternattivament ser tkun qeghda tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas iktar milli qeghda titlob is-socjeta attrici wara li rriduciet l-ammont li qeghda titlob il-hlas tieghu.

[3] *"5.000 Mulch Film 90x25x30cm Per 2ROW"*.

[4] €1,961.18 + €92.96 = **€2,054.14 + €3235.10 = €5,289.24** ammont mitlub mis-socjeta attrici fl-avviz li bih inbdiet il-kawza**.**

3. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni din hi llum sorvolata in kwantu permezz ta' digriet moghti fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2008 il-Qorti awtorizzat korrezzjoni b'mod li isem is-socjeta konvenuta gie jaqra "Cottage Products (Gozo) Limited" minflok Cottage Products Limited. Ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni in segwitu ghad-digriet moghti fis-7 ta' Jannar 2008. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tas-socjeta attrici.

2. Tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici (kif ridotta permezz tan-nota prezentata fit-8 ta' Lulju 2008 mis-socjeta attrici) u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' **elfejn u erbgha u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€2,054.14),** bl-imghax fuq l-ammont li jissemma fl-avviz (li kif rajna parti minnu thallas fil-mori) mid-data tal-24 ta' Ottubru 2006 (skond kif talbet is-socjeta attrici fl-avviz)[5].

Salv ghal dak li nghad dwar l-ewwel eccezzjoni, spejjez kollha l-ohra jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Fuq is-somma ta' €3,102.47 sad-9 ta' Gunju 2008 u fuq il-bilanc sad-data tal-pagament effettiv.